AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA
U D-DWANA TA' MALTA

Id-Direttorat tas-Sisa

Avviż lill-Operaturi Ekonomiċi kollha li Jimportaw u Jbiegħu Sigaretti Elettroniċi u Kontenituri ta' Rikarika

Konformità mar-Regolamenti l-Ġodda għas-Sigaretti Elettroniċi u l-Kontenituri ta' Rikarika

Dan l-avviż qiegħed jinforma lil dawk kollha involuti fil-kummerċ tas-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika b'rekwiżiti ġodda fl-Att prinċipali għad-Dazju tas-Sisa (kap 382) li qed jiġu introdotti sabiex jirregolaw l-importazzjoni, il-ħażna u l-bejgħ ta' dawn il-prodotti. Il-linji gwida li ġejjin se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025 u għandhom jiġu osservati b'mod strett.

Rekwiżiti regolatorji ewlenin

1. Rekwiżiti ta' Reġistrazzjoni

Negozjanti rreġistrati jew Magazziniera Awtorizzati biss jistgħu jimportaw, jaħżnu, jew ibiegħu lill-bejjiegħa fil-ħwienet sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika. Entitajiet mhux awtorizzati huma pprojbiti milli jinvolvu ruħhom f'tali attivitajiet.

2. Obbligi tad-Dazju tas-Sisa

Id-dazju tas-sisa ta' €0.13 għal kull mL huwa applikabbli kemm fuq likwidi tas-sigaretti elettroniċi li fihom in-nikotina kif ukoll fuq dawk li ma fihomx nikotina.

3. Bolla tas-Sisa Obbligatorja

Is-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika kollha għandu jkollhom mwaħħla bolla tas-sisa hekk kif maħruġa mill-Kummissarju sabiex jiżguraw il-konformità u l-awtentiċità. Għan-negozjanti reġistrati, dawn il-bolol għandhom jitwaħħlu mal-imballaġġ tal-prodott fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tax-xiri. Il-maggaziniera awtorizzati, min-naħa l-oħra, għandhom iwaħħlu l-bolol qabel ma jirrilaxxaw il-prodotti għall-bejgħ. Fiż-żewġ każijiet, il-bolol għandhom jiġu applikati b'tali mod li l-qerda tagħhom tkun meħtieġa biex jinfetaħ l-imballaġġ tal-prodott, filwaqt li tiġi żgurata l-aderenza mar-regolamenti tas-sisa.

4. Xiri ta' bolol tas-Sisa

Bolol tas-Sisa meħtieġa għall- sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika għandhom jinxtraw mingħand OpSec Ltd minn fuq dan il-link (https://go.opsecsecurity.com/malta), bi spiża ta' €38.50 għal kull 1,000 bolla, ekwivalenti

MALTA TAX AND CUSTOMS
ADMINISTRATION

The Excise Directorate

Notice to all Economic Operators Importing and Selling Electronic Cigarettes and Refill Containers

Compliance with New Regulations for Electronic Cigarettes and Refill Containers

This is to inform all merchants, importers, and distributors involved in the trade of electronic cigarettes and refill containers about the recent introduction of new regulations to the Excise Duty Act (Chapter 382) introducing specific requirements governing the importation, storage, and sale of these products. The following guidelines will be in effect on 1st January 2025 and must be strictly adhered to.

Key Regulatory Requirements

1. Registration Requirements

Only registered merchants or authorised tax warehouse keepers may import, store, or sell to retailers electronic cigarettes and refill containers. Unauthorised entities are prohibited from engaging in such activities.

2. Excise Duty Obligations

An excise duty of €0.13 per mL is applicable on both nicotine-containing and non-nicotine-containing electronic cigarette liquids.

3. Mandatory Excise Stamps

All electronic cigarettes and refill containers must bear excise stamps issued by the Commissioner to ensure compliance and authenticity. For registered merchants, these stamps must be affixed to the product packaging within five (5) working days from the date of purchase. authorized tax warehouse keepers, on the other hand, must affix the stamps prior to releasing the products for circulation. In both instances, the stamps must be applied in such a way that their destruction is necessary to open the product packaging, ensuring tamper-evidence and adherence to excise regulations.

4. Purchase of Excise Stamps

Excise stamps required for vaping products must be purchased from OpSec Ltd via this link (https://go.opsecsecurity.com/malta) at a cost of €38.50 per 1,000 stamps, equivalent to €0.0385 per stamp. Authorised

għal €0.0385 għal kull bolla. Negozjanti awtorizzati jew detenturi ta' mħażen tat-taxxa huma responsabbli għall-akkwist u t-twaħħil ta' dawn il-bolol b'konformita mal-liġi.

5. Rekwiżiti għaż-Żamma tar-Rekords

Maggaziniera ta' mħażen awtorizzati huma meħtieġa jżommu rekords dettaljati tal-produzzjoni, l-importazzjoni, l-akkwist, il-bejgħ, u r-rimi ta' sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika. Dawn ir-rekords għandhom jiġu sottomessi kull xahar lill-Kummissarju tat-taxxa.

6. Penali għan-Nuqqas ta' Konformità

Nuqqas ta' konformita ma' dawn ir-regolamenti jistgħu jirriżultaw f'pieni ħorox, inklużi multi, telf ta' bolol tas-sisa, u konfiska ta' prodotti. Pussess mhux awtorizzat ta' bolol tas-sisa jew nuqqas ta' twaħħil tagħhom b'mod korrett jattira wkoll azzjoni legali.

7. Il-projbizzjoni fuq bejgħ mhux awtorizzat

l-ebda sigarett elettroniku u kontenitur ta' rikarika ma jista' jiġi offrut għall-bejgħ jew distribwit sakemm ma jkunx ġej minn negozju reġistrat jew minn Maggazinier awtorizzat.

Perjodu ta' Moratorju għall-istokk il-qadim

Se jiġi provdut perjodu ta' Moratorju ta' erba' (4) xhur, mill-1 ta' Jannar 2025 sa t'30 ta' April 2025, biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jirregolarizzaw jew ineħħu stokk mhux konformi miksub qabel l-implimentazzjoni tal-emendi. Wara l-1 ta' Mejju 2025, kwalunkwe stokk antik li ma jissodisfax ir-rekwiżiti l-ġodda għandu jitneħħa mis-suq. Din id-dispożizzjoni tapplika esklussivament għal stokk antik biss.

Noti Importanti dwar il-Bolol tas-Sisa

Il-bolol tas-sisa jistgħu jinxtraw biss mingħand OpSec Ltd. u għandhom jitwaħħlu fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tax-xiri f'kaz li jinxtraw minn negozjanti reġistrati.

In-negozjanti huma mħeġġa jippjanaw l-ordnijiet tagħhom minn qabel biex jiżguraw konformità mal-iskedi taż-żmien stipulati mir-regolamenti.

Informazzjoni dwar il-bolla tas-sisa

Il-bolla tas-sisa użata għas-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika hija bolla tas-sisa li teħel migħajr bżonn ta' kolla addizzjonali. Id-dimensjonijiet huma 16 x 30mm (+/- 0.5mm), f'forma ta' rettangolu. Dan id-disinn jiżgura s-sigurtà u l-konformità mal-istandards regolatorji filwaqt li jżomm il-faċilità tal-użu għan-negozjanti u l-konsumaturi.

merchants or tax warehouse keepers are responsible for acquiring and affixing these stamps to comply with the law.

5. Record-Keeping Requirements

Authorised tax warehouse keepers are required to maintain detailed records of production, importation, acquisition, sales, and disposal of vaping products. These records must be submitted monthly to the Commissioner.

6. Penalties for Non-Compliance

Non-compliance with these regulations may result in severe penalties, including fines, forfeiture of excise stamps, and confiscation of products. Unauthorised possession of excise stamps or failure to affix them correctly will also attract legal action.

7. Prohibition on Unauthorised Trade

No electronic cigarette or refill container may be offered for sale or distributed unless sourced from a registered merchant or authorised tax warehouse keeper.

Moratorium Period for Old Stock

A Moratorium period of four (4) months, from 1st January, 2025 to 30th April, 2025, will be upheld to allow economic operators to regularise or remove non-compliant stock acquired before the implementation of the amendments. After 1st May, 2025, any old stock that does not meet the new requirements must be removed from the market. This provision applies exclusively to old stock.

Important Notes on Excise Stamps

Excise stamps can only be purchased from OpSec Ltd. and must be affixed within five (5) working days from the date of purchase in case of registered merchants.

Merchants are encouraged to plan their orders in advance to ensure compliance with the time-lines stipulated by the regulations.

Tax Stamp Information

The excise stamp used for electronic cigarettes and refill containers is a self-adhesive, tamper-evident digital tax stamp label. The dimensions are 16 x 30mm (+/- 0.5mm), in a die-cut rectangle shape with radius corners. This design ensures security and compliance with regulatory standards while maintaining ease of use for merchants and consumers.



L-operaturi ekonomiċi kollha huma avżati sabiex jiffamiljarizzaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet dettaljati tar-regolamenti l-ġodda. Il-konformità hija obbligatorja u se tiġi infurzata b'mod strett. Għal aktar informazzjoni jew assistenza, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-Sezzjoni tal-Prodotti tat-Tabakk.

Id-Direttorat jitlob lill-Operaturi li jikkoperaw hekk kif mitlub hawn fuq.

It-12 ta' Diċembru, 2024

KUNSILL LOKALI X-XEWKIJA

Il-Kunsill Lokali x-Xewkija jgħarraf lill-pubbliku ġenerali li ma jistgħu jitħallew l-ebda vetturi kbar jew oġġetti ta' ngombru fi Triq Tal-Kanal. Fil-preżent fadal żewġ vetturi kbar trailers, (wieħed blu u l-ieħor iswed), b'wieħed minnhom bil-blokok tal-konkos. Is-sidien huma mitluba li jneħħu dawn il-vetturi minnufih. Ma' dawn il-vetturi fl-aħħar jiem twaħħlu noti ta' twissija dwar dan.

It-12 ta' Diċembru, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Il-Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf illi,

Is-sottomissjonijiet għal dawn li ġejjin jintlaqgħu fl-Awtorità tal-Artijiet, sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, 2025:

Espressjoni ta' Interess għall-ingaġġ ta' Draughtspersons.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Artijiet (https://landsauthority.org.mt/news/). Kwalunkwe kjarifika jew addenda għad-dokument se tittella' u tkun disponibbli biex taraha mill-istess websajt.

L-Awtorità tal-Artijiet iżżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anki dik l-aktar vantaġġuża.

It-12 ta' Diċembru, 2024



All economic operators are advised to familiarise themselves with the detailed provisions of the new regulations. Compliance is mandatory and will be strictly enforced. For further information or assistance, please contact the Tobacco Products Unit.

The Directorate requests Operators to cooperate as indicated above.

12th December, 2024

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

Ix-Xewkija Local Council notifies the general public that no type of heavy machinery or encumbrance objects shall be left in Triq Tal-Kanal, Xewkija. At the moment, two heavy machinery trailers, (one blue and the other black), one of them loaded with concrete blocks, are parked in the mentioned street. Owners of these machinery are requested to remove them immediately. In the past days, a warning notice has already been attached to them.

12th December, 2024

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that,

Submissions for the following will be received at Lands Authority, by noon of Friday, 17th January, 2025:

Expression of Interest for the engagement of Draughtspersons.

Further information may be obtained from the Lands Authority website (https://landsauthority.org.mt/news/). Any clarifications or addenda to the document will be uploaded and are available to view from the same website.

Lands Authority reserves the right to refuse any offer even the most advantageous.

12th December, 2024